***LOAN FACILITY***

***MIN JALLEGA GHANDU L-ONERU TAL-PROVA***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 7 ta' Novembru, 2001**

**Kawza Numru: 14**
**Citazzjoni Numru: 271/99/RCP**

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**(1) Saviour Sciberras u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2000 gew kjamati fil-kawza Daniela Sciberras u Saviour Sciberras bhala legittimu rappresentant ta' bintu minuri Annabelle.**

**(2) Alfred Pulis**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta’ attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet “Loan Facility” lill-konvenut Saviour Sciberras;

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Saviour Sciberras fis-somma ta’ sittax-il elf, mija u tmienja u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm16,168.15) bilanc ghad-debitu fil-”Loan Account” ta’ Saviour Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A2”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt in atti Nutar Dottor Carmelo Lia datat 13 ta’ Ottubru 1995 (Dok “B”) u permezz ta’ skrittura privata datata 30 ta’ Ottubru 1995 (Dok “C”) il-konvenut Alfred Pulis iggarantixxa flimkien u “in solidum” ma’ Saviour Sciberras ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Saviour Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c.:

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati l-14 ta’ Ottubru 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok ‘D’ u Dok “E”, sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti,

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tikkundanna lil Saviour Sciberras u Alfred Pulis jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittax-il elf, mija u tmienja u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm16,168.15) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Saviour Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati l-14 ta' Ottubru 1998 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 18 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Saviour Sciberras a fol 23 tal-process fejn gie eccepit:

Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante li l-kuntratt originali ta' self kien gie ffirmat mill-konvenut Saviour Sciberras u martu u llum martu hija mejta. Ghalhekk *se mai* nofs id-dejn iddevolva fuq l-eredi u l-konvenut ghandu jaghti biss nofs il-bilanc pretiz.

Illi bla pregudizzju u fuq il-mertu, l-ammont pretiz huwa esagerat stante li minn Ottubru 1998 (l-ahhar data fuq l-i*statement* esebita) sa' llum l-esponent hallas ammont sostanzjali ta' l-ammont pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 24 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Pulis a fol 26 tal-process fejn gie eccepit:

Illi l-ammont pretiz huwa esagerat stante li minn Ottubru 1998 (l-ahhar data fuq l-i*statement* esebita) sa llum il-konvenut Saviour Sciberras hallas ammont sostanzjali ta' l-ammont pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 27 tal-process.

Rat il-verbal tal-5 t'Ottubru 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tisma' l-provi kollha tal-kaz b'dan li ghandhom jigu pprezentati fir-Registru mill-partijiet id-dokumenti kollha relattivi.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tat-2 ta' Dicembru 1999 u d-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 1999 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat il-verbali tal-14 ta' Dicembru 1999; tat-23 ta' Marzu 2000 u tal-25 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti rat ir-rikors, semghet l-oggezzjoni tal-konvenut Saviour Sciberras tramite Dr David Camilleri.  Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamati in kawza ta' Daniela Sciberras u Saviour Sciberras fil-kwalita` ndikata fir-rikors tat-2 ta' Dicembru 1999 u ordnat in-notifika tal-istess a spejjez tas-socjeta` attrici.

Rat il-verbali tat-18 t'Ottubru 2000 u tas-16 ta' Jannar 2001.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Frar 2001 (fol 47).

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2001 fejn il-PL Zammit talab li ssir il-pubblikazjoni *ai termini* tal-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 f'gazzetta lokali wahda.  Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli.

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2001 fejn gie esebit estratt minn gazzetta lokali.

Rat is-seduta tal-11 ta' Gunju 2001 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru 2001 fejn deher biss Dr Dominic Cassar ghas-socjeta` attrici u l-konvenuti u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Cassar talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u laqghet it-talba ta' Dr Cassar u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-7 ta' Novembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir mis-socjeta` attrici kontra l-konvenut Saviour Sciberras u l-kjamati in kawza Daniela Sciberras u l-istess Saviour Sciberras bhala legittimu rappresentant ta' bintu minuri Annabelle Sciberras peress li s-socjeta` attrici qed tallega li l-istess konvenut kien inghata l-*loan facility* mis-socjeta` attrici u ghalhekk hija kreditrici fl-ammont ta' Lm16,168.15 bilanc mill-istess debitu flimkien ma imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1998 sal-effettiv pagament. Din il-kawza saret ukoll kontra l-konvenut l-iehor Alfred Pulis peress li l-istess konvenut kien ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali tal-istess debitu tal-

konvenut Saviour Sciberras permezz tal-att kostuttiv tal-istess self datat 13 t'Ottubru 1995 u garanzija ffirmata minnu fit-30 t'Ottubru 1995 u li tinsab esebita bhala Dok 'C' a fol 11 tal-process.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati kemm permezz ta' *statement*s relattivi esebiti a fol 5 u 6 tal-process u kemm permezz tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Carmelo Lia datat 15 t'Ottubru 1995 a fol 7 tal-process u l-garanzija ffirmata mill-konvenut Alfred Pulis fuq riferita. Illi apparti dan jidher li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-istess debitu permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 14 t'Ottubru 1998 rispettivament indirizzati lill-konvenut Saviour Sciberras u lill-konvenut l-iehor Alfred Pulis ghall-ammonti sa dak iz-zmien dovuti, liema ittri ufficjali jinsabu esebiti a fol 14 u 17 tal-process.

Illi tali ammonti *per se* ma gewx ikkontestati, pero` fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Saviour Sciberras u Alfred Pulis qed jinghad li wara d-dati tal-istess ittri ufficjali tal-14 t'Ottubru 1998 saru pagamenti akkont mill-istess konvenut Saviour Sciberras.

Illi in vista ta' din l-allegazzjoni huwa oneru tal-istess konvenuti li jippruvaw dak minnhom eccepit stante li l-piz tal-prova jinkombi lilhom.

Illi dan il-konvenuti m'ghamluhx fl-ebda stadju tal-kawza, la permezz ta' provi verbali u wisq anqas permezz ta' provi

dokumentarji bhal nghidu ahna *deposit slips* jew ricevuti, u ghalhekk fid-dawl ta' dan l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti Saviour Sciberras u Alfred Pulis ma jistghux jigu accettati.

Illi in kwantu jirrigwarda l-kjamati in kawza dawn baqghu kontumaci stante li ma pprezentaw ebda eccezzjonijiet u wkoll ma pprezentaw ebda provi lanqas fil-kwalita` taghhom premessa.

Illi jigi rilevat li l-konvenuti anke wara li gew notifikati l-kjamati in kawza ma resqu ebda provi u lanqas dehru quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2001 u lanqas dehru fis-seduta quddiem din il-Qorti tad-9 t'Ottubru 2001, b'dan ghalhekk li nonostante li l-kawza kienet ilha pprezentata mid-9 ta' Frar 1999 il-konvenuti u l-kjamati in kawza lanqas wara li gew notifikati ma gabu ebda prova in sostenn tal-allegazzjonijiet minnhom maghmulha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Saviour Sciberras u Alfred Pulis u fil-kontumacja tal-kjamati in kawza Daniela Sciberras u Saviour Sciberras bhala

legittimu rappresentant ta' bintu minuri Annabelle, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(1) Tikkundanna lil Saviour Sciberras, u l-kjamati in kawza Daniela Sciberras; u Saviour Sciberras bhala l-legittimu rappresentant ta' bintu minuri Annabelle, u Alfred Pulis jhallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittax-il elf, mija u tmienja u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm16,168.15) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Saviour Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimkien mal-imghax legali ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati l-14 ta' Ottubru 1998 kontra l-konvenuti u l-kjamati in kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Novembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Novembru 2001.**